# EMENDI IMPORTANTI GĦALL-KODIĊI ĊIVILI

***Konferenza Stampa mogħtija mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dr. Tonio Borg u s-Segretarju Parlamentari fl-istess Ministeru, Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, dwar l-emendi importanti li saru għall-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) - Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, Auberge d'Aragon - Valletta - it-Tlieta, 1 ta' Frar 2005***

Permezz ta' l-Att XVIII tas-sena l-oħra l-Parlament approva, wara sena sħiħa ta' ħidma, numru ta' emendi fil-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' pajjiżna). Dawn l-emendi jiffurmaw parti importanti mill-aġġornament neċessarju sabiex dawn id-drittijiet ċivili jwieġbu għar-realtà ta' llum kif ukoll biex jagħtu strumenti u għodda aħjar. It-tibdil sar prinċiparjament fi tlett setturi, dak marbut mal-wirt, dak marbut ma' l-istatus tal-persuni u dak marbut mal-proprjetà.

## A. <u>Il-Wirt</u>

Hawn qed isiru numru ta' tibdiliet:

1. Kif jidħlu dawn l-emendi, il-miżżewġin għandhom iktar libertà fil-wirt. Dan l-ewwel, għax jekk jagħmlu testment jistgħu issa jħallu lil xulxin il-proprjetà kollha tagħhom salv il-porzjon riservat lill-ulied. It-tieni, jekk il-koppja ma jkollhiex tfal u jmutu mingħajr ma jkunu għamlu testment, allura jirtu lil xulxin fi proprjetà assoluta. Dan ifisser iktar libertà lill-miżżewġin u inqas problemi u komplikazzjonijiet għal wara l-mewt. Mhux biss, iżda qed nagħtu d-dritt lill-konjuġi li jibqa' ħaj li jkollu dritt ta' preferenza fuq il-werrieta l-oħra għax-xiri tad-dar matrimonjali u fl-użu ta' l-oġġetti kollha li jkun hemm ġewwa.

2. It-testmenti li jsiru bejn il-miżżewġin ser isiru b'iktar loġika u jistgħu jinġabru b'inqas diffikultà. Dan għax b'din il-liġi, fit-testment magħqud kif ser issir is-sistema ser ikun hemm żewġ partijiet, jiġifieri tal-mara u tar-raġel. Mhux biss, iżda meta jiġi nieqes parti, il-werriet flok irid jagħmel rikors il-Qorti sabiex iġib kopja, issa kull ma ser ikollu bżonn huwa li jitlob lin-Nutar.

3. Tneħħew id-differenzi bejn l-ulied imwielda barra miż-żwieġ u dawk fiż-żwieġ. Mil-lum 'il quddiem, kull min jagħmel testment għandu d-dritt li jagħżel huwa kemm u kif iħalli lil uliedu jekk hux indaqs jew differenti. Mhux biss, iżda tneħħiet ukoll il-projbizzjoni li ulied it-tieni

żwieġ ma jistgħux jingħataw iktar minn ta' l-ewwel u hawn ukoll, min jagħmel it-testment għandu l-libertà li jħalli kif irid huwa.

4. Inbidel il-kunċett tal-leġittima. Billi ħafna drabi dan il-kunċett kien kaġun ta' kawżi u ġlied għax kien ikkunsidrat bħala sehem fi proprjetà, b'dawn l-emendi issa l-leġittima hija kreditu kontra l-wirt. Dan ifisser li ser ikun iktar faċli sabiex titħallas u li ma sservix ta' xkiel għall-qasma. Ma' dan, il-persuna li ser ikollha dan id-dritt ser jgħaddilha l-imgħax fuq l-ammont jekk kemm-il darba ma titħallasx fi żmien sentejn.

## B. <u>L-istatus tal-Persuna</u>

F'din il-kategorija saru erba' bidliet fundamentali.

1. Fil-Kodiċi ma hemmx iktar id-distinzjoni prerogattiva ta' tfal leġittimi u tfal illeġittimi. Għalkemm, ma hemmx dubbju, li din il-klassifikazzjoni serviet xi skop fi żminijiet oħra, illum il-ġurnata qed isservi biss bħala sanzjoni soċjali fuq l-ulied li ma għandhom ħtija ta' xejn. Illum is-soċjetà tagħna tħoss li, b'sens ta' ġustizzja, ma għandhiex tħalli dan it-timbru jibqa' jinġarr għaż-żmien kollu tal-ħajja. Għad għandna numru ta' persuni fis-soċjetà li jħossuhom inqas minn ħaddieħor proprju minħabba din il-klassifikazzjoni antika. Għalhekk fil-Kodiċi Ċivili issa ser jidħlu artikoli u emendi ġodda li permezz tagħhom ser jispiċċa dan it-timbru u minflok ser jidħlu l-kliem "tfal imwielda barra miż-żwieġ".

2. Għall-ewwel darba ser jinbidel kompletament il-mekkaniżmu legali li permezz tiegħu missier naturali fi twelid barra miż-żwieġ ser jirrikonoxxi tarbija. Is-sistema qabel kienet li jekk raġel, huwa jew mhuwiex il-missier tat-tarbija, jidher quddiem nutar pubbliku biċ-ċertifikat tat-twelid seta' jirrikonoxxiha bħala tiegħu. Dan kien ifisser li l-mekkaniżmu jaħdem mingħajr l-omm li fl-ebda stadju ma kienet tagħti l-kunsens tagħha f'dan il-proċess. Mhux biss, iżda agħar minn hekk kien li t-tarbija kienet issib il-kunjom tagħha mibdul.

   Dan issa ser jinbidel kompletament. Mad-dħul ta' dawn l-emendi fil-Kodiċi, issa kull min irid jirrikonoxxi tarbija jrid jinforma u jitlob, permezz ta' ittra uffiċjali, il-kunsens ta' l-omm u, fil-każ fejn il-wild ikun jew tkun diġà ta' l-età huwa wkoll irid jiġi nfurmat sabiex dan ikun issa jista' jsir. Jekk ma jkunx hemm dan il-kunsens, il-missier għandu jipproċedi direttament il-Qorti b'rikors sabiex tkun dik l-istituzzjoni li tiddeċiedi jekk għandux isir ir-rikonoxximent jew le. Dan ifisser li omm dik it-tarbija ma għadhiex iktar oġġett passiv wieħed seta' jgħaddi minn fuqha. Qtajna abbuż u daħħalna bilanċ aħjar f'dan il-mekkaniżmu.

3. It-tielet bidla li saret hija marbuta mal-fatt li daħħalna fil-Kodiċi mekkaniżmu li permezz tiegħu jista' issa jiġi annotat fl-att tat-twelid tibdil fis-sess. Dan japplika biss għal dawk li ma humiex miżżewġin u li l-operazzjoni li għaddew minnha hija irriversibbli. Din l-emenda saret billi l-Kodiċi Ċivili ma kien jgħid xejn u kien hemm numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna f'dawn is-sitwazzjonijiet li kien hemm bżonn li jiġu regolati. Mhux biss, iżda kien hemm problemi oħra marbuta mal-karta ta' l-identità. Minn meta jidħlu fis-seħħ dawn l-emendi issa l-pożizzjoni hija ferm aktar ċara; l-ewwel f'min jista' jagħmel din it-talba; it-tieni, il-konsegwenzi tagħha u t-tielet, li l-karta' ta' l-identità tinbidel sabiex tirrifletti l-bidla fiżika fis-sess.

4. Ir-raba' bidla hija mogħtija lil nisa li jkunu romlu u jridu jerġgħu jiżżewġu. Kif kienet qabel il-liġi tagħna, il-mara ma setgħetx iżżomm il-kunjom li tkun ħadet ma' l-ewwel żwieġ. Dan kien kaġun għal ħafna problemi u deterrent għaż-żwieġ billi din il-mara riedet tagħżel bejn il-kunjom tagħha fi xbubitha jew tat-tieni raġel. Issa, b'din l-emenda, hija tista' żżomm il-kunjom ta' l-ewwel raġel.

## Ċ. <u>Tibdil fil-Proprjetà</u>

Hawn daħlu numru ta' emendi li għandhom jiffaċilitaw id-diviżjoni ta' proprjetà f'sitwazzjonijiet pendenti llum.

F'żewġ artikoli ġodda qiegħed issa jingħad li meta proprjetà li ġejja minn wirt tkun ilha iktar minn għaxar snin inkomun bejn il-werrieta u ma tkunx ġiet preżentata kawża fil-Qorti, dan fih innifsu jagħti d-dritt lill-partijiet għas-segwenti:

1. Li kull parti ssir proprjetarja direttament fis-sehem tagħha f'kull biċċa proprjetà u għalhekk tkun tista' tbiegħ sehemha direttament mingħajr ma jkollha tbiegħ id-drittijiet tal-wirt tagħha. Dan ifisser iktar faċilità sabiex min qiegħed in koproprjetà ma' ħaddieħor kontra qalbu jista' jeħles minn dan l-istat b'ferm inqas problemi.

2. Li fejn ikun hemm min irid jixtri proprjetà mill-wirt u li l-prezz ikun ġust u vantaġġjuż, iżda wieħed mill-proprjetarji ma jkunx irid ibiegħ sehemu, allura kull parti tista' tagħmel talba b'rikors lill-Qorti sabiex hija tawtorizza l-bejgħ wara li tqis kollox. Dan ifisser li numru ta' proprjetajiet li kienu inkomun ser ikunu jistgħu jiġu maqsuma jew mibjugħa b'faċilita' ikbar.

Dawn l-emendi ser jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2005.

**DOI 01.02.2005**